Tkun sa ssaqsieha
u malli tbexxaq fommok
u tgħammex ftit għajnejk,
hi tgħib għal kollox
u int tibqa' miblugħ.

Fil-gallarija
tara t-tapit, tibqa' l-purtiera,
tibqa' fil-moħħ
il-fantasija.

# Reċensjoni:

**"SIJON" — Rivista tal-Għaqda Biblika Maltija — Vol. 6 (1973-74) Nru. 5 — Abbon. 25c fis-sena.**

Rivista f'Malta fuq l-Iskrittura ma tistax tistenna minnha xi kontributi kbar għall-istudju tal-Kitba Mqaddsa. Iċ-ċokon tagħna bil-ftit speċjalisti ma jħallix li dan iseħħ. L-għan ta' "Sijon" hu li xxerred it-tagħlim fuq l-Iskrittura fost il-poplu. Għalhekk hu diffiċli li jinżamm ċertu livell. Artikoli bħal "Id-Dnub ta' Geroboghom" ta' Patri Egidju Mizzi u "Il-ktieb ta' Ġuditta" tal-Prof. Sant igħinu ħafna waqt li "Rikonċiljazzjoni" ta' Patri Donat bit-taqsim f'forma ta' lezzjoni jitlob iktar attenzjoni mill-qarrej.

Interessanti f'dan numru hu l-kontribut tal-Prof. Sant fejn ippublika silta minn ittra ta' Rev. W. Jowett lill-Prof. Samuel Lee ta' Cambridge fuq l-ewwel Malti, Ġużeppi Marija Canolo, li qaleb f'ilsienna l-vanġelu ta' San Ġwann.

L-aħbarijiet li jagħti l-editorjal kif ukoll l-aħħar artikolu fuq il-ħidma tal-Għaqda Biblika Maltija jgħinu ħafna biex jinħoloq interess fil-ħidma tal-Għaqda u jżommu ħaj. Dnub li l-Prof. Sant jagħti żewġ kontributi fl-istess numru. Minnu li kitba fuq l-Iskrittura mhix għal idejn kulħadd, imma la r-rivista toħroġ 4 darbiet biss fis-sena jista' jkun hemm kontribuzzjonijiet minn oħrajn.

x x x